MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1230/2007

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Stephen Busuttil Naudi u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2009 Angela Busuttil Naudi giet imsejha fil-kawza**

Din is-sentenza tittratta biss il-kap tal-ispejjez, wara li fil-15 ta' Frar 2011 l-attrici pprezentat nota ta' cessjoni fir-rigward tal-meritu u zammet ferm il-kap tal-ispejjez. Jirrizulta li fil-mori tal-kawza sar il-hlas li kien qieghed jitlob il-bank. L-attrici kienet qeghda titlob il-hlas ta' €27,384.04, bilanc ta' kapital fuq rescheduled account bin-numru 009-000803-340 flimkien mal-imghax mit-12 ta' Settembru 2006 sal-4 ta' Ottubru 2007.
Il-konvenut eccepixxa li d-dejn jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu Angela Busuttil Naudi.

Spjega wkoll kif martu kienet talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' €582,343. Minhabba tali mandat ma setax jaghmel uzu mill-facilita bankarja ta' overdraft. Qal li l-parti l-kbira tal-hlas mitlub kien dovut, ghalkemm jista' jkun qieghed jintalab ammont iktar minn dak li hu dovut. Isostni wkoll li l-attrici kienet tatu ordni biex ma jiddepozitax fil-kont.

Fuq talba tal-konvenut, giet imsejha fil-kawza martu Angela Busuttil Naudi (ara rikors prezentat fil-15 ta' Jannar 2009). Il-konvenut ibbaza t-talba fuq il-fatt li kien mizzewweg u ghalhekk martu *'….. ghandha tiddahhal bhala konvenuta in kawza, stante l-fatt li l-ammonti pretizi mis-socjeta attrici huma ammonti li jemanixxu fiz-zwieg ta' bejn il-konjugi Busuttil Naudi. '*.

Dak li ser jinghad f'din is-sentenza hu biss relatat mal-kap tal-ispejjez, u bazat fuq dak li jirrizulta mill-process.

L-imsejha fil-kawza ssostni li ma kenitx parti ghall-obbligi li dahal ghalihom zewgha u qatt ma tat il-kunsens sabiex isir is-self. Mid-dokument B jidher li l-facilita bankarja nghatat lil Stephen Busuttil Naudi ghal skopijiet ta' negozju. Ghalkemm id-dejn sar waqt iz-zwieg:-

(i) ma jirrizultax jekk in-negozju kienx qieghed isir biss mir-ragel f'liema eventwalita' japplika l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili, jew flimkien mal-mara;

(ii) u m'hemmx prova li Angela Busuttil Naudi tat il-kunsens taghha biex isir dan id-dejn. Il-fatt biss li d-dejn sar fil-kors taz-zwieg ma jfissirx li l-obbligu li seta' dahal ghalih ir-ragel jorbot ukoll lill-martu.

Minkejja dak li ssottometta d-difensur tal-konvenut fis-seduta tal-lum, il-fatt li nhareg mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut ma kienx jippreskludi lill-bank milli jipprocedi gudizzjarjament ghal kanonizazzjoni u hlas tal-kreditu. Il-mandat ta' sekwestru kien jikkoncerna r-relazzjoni nterna bejn il-konjugi Busuttil Naudi, u ghall-bank dan kien *res inter alios acta*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda :-**

**1. Tastjeni milli taghti decizjoni dwar il-meritu tal-kawza peress li fil-mori sar il-hlas u l-attrici pprezentat nota ta' rinunzja.**

**2. Tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.**

3. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha relatati ma' din il-kawza**, **inkluz dawk tal-imsejha fil-kawza meqjus li ddahhlet fil-kawza fuq talba li saret mill-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------